*In-nies daħket bija,*
*u għamlet għalija,*
*kont bla familja, bla dar,*
*kont miexja mar-riħ,*
*bla isem, bla ġieħ.*

*Ġesù.........*
*Jien mara li dnibt,*
*jien mara li għext fid-dalma tal-lejl,*
*u bkejt, mifnija bl-uġigħ*
*kull ħin, bla mistrieħ.*
*Ġesù.........*
*Kont bil-għiħ u Int tmajtni,*
*kont marida, u Int fejjaqtni.........*
*fejjaqtni bl-Imħabba*
*li d-Dinja ċaħħdithieli,*
*Int biss illi tajthieli.*

*Hawnhekk,*
*fid-dlam sibt id-Dawl,*
*fl-egħluq il-Ħelsien,*
*fil-mewt il-Qawmien.*
*Ġesù.........*
*f'kull għawġ u f'kull żmien,*
*nibqgħu ngħiru flimkien.........*
*flimkien.*

Ġużè' Chetcuti.

## IR-RANĠIŻ

(*Qlib mill-Ingliż "The Daffodils" ta' W. Wordsworth*).

*Bi ħsiebi ġrejt bħal sħaba baqdanija*
*Li fuq l-għoljiet tittajjar mal-widien,*
*U f'daqqa rajt bħal f'dehra ta' sbuħija*
*Qatgħa ranġiż qishom tad-deheb, xi ġmiel!*
*Qrib lejn għadira f'żifna ferriħija*
*Bdew qishom jiżfnu mal-fewġiet tar-riħ.*

*Bħal kwiekeb li bil-lejl f'sema sewdieni*
*Iżejnu t-triq imsejħa ta' Sant'Anna*
*Hekk deher dal-ward mifrux fi ġmiel waħdieni*
*Tassew sabiħ iżejjen triq il-plajja.*
*O, kif jhennik it-tixjir tagħhom hieni*
*Qishom qed jiżfnu l-iżjed żifna ħajja!*

*Il-meww̄ġ ukoll issieħeb flimkien magħhom,*
*Iżd'huma għaddewh lill-meww̄ġ f'diż-żifna hienja*
*Għax kienu sbieħ tassew. B'kemm ġmiel sebbaħhom*
*Sid il-ħolqien! U kif jhennu 'l-poëta*
*Li fis jissieħeb hieni fl-għanja tagħhom.*
*Xi ġmiel, u x'ferħ did-dehra nisslet f'qalbi!*

*Għax spiss f'ħin il-mistrieħ, quddiem għajnejja*
*Narhom bil-ħsieb fil-ħemda ta' kull lejla,*
*Fis-skiet, o x'ferħ! Qishom iħarsu lejja!*
*U qalbi nħossha ttir bil-ferħ ġe' fija,*
*U dmugħ il-hena jġelben fuq ħaddejja*
*Biex huwa wkoll jissieħeb mar-ranġiż.*

Fr. Cherubin M. Farrugia O.C.

## ~~IBEN IL-POEŻIJA~~

~~*Inħoss li jiena iben*~~
~~*Il-poeżija,*~~
~~*Din l-Omm li tgħammar f'qalbi*~~
~~*Hemm ġew' moħbija.*~~

~~*Din l-Omm li f'moħħi ssaltan*~~
~~*Fil-ħsieb qawwija,*~~
~~*Li tkun fil-ħin tal-għana*~~
~~*Titkellem bija.*~~

~~*Mhux jien inkun qe'd ngħanni,*~~
~~*'Ma tkun din Ommi*~~
~~*Li tiġi fil-ħin tagħha*~~
~~*Titkellem b'fommi.*~~

~~*Tkun hi li tixgħel moħħi*~~
~~*Bl-għerf tas-sbuħija;*~~
~~*Tkun hi li tqiegħed f'ħolqi*~~
~~*Il-kliem qawwija.*~~

~~*Din l-Omm li xħin għanjieti*~~
~~*Jaraw iż-żieda?*~~
~~*Tkun tagħti ġewwa fija*~~
~~*Titkellem b'fommi.*~~